Office of the Commissioner
for Animal Welfare

# Investigazzjoni fil-kwarantina tal-annimali f' Ħal-Luqa, rigward il-mewt ta' 468 għasfur tal-għana li kienu taħt il-kustodja tad-Direttorat tal-Veterinarji u Servizzi

24 ta' Novembru 2014

Fl-14 ta' Novembru 2014 jiena, Emanuel Buhagiar, fil-Kariga tiegħi bħala Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, bgħatt email lid-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi Dr. A. R. Balbo DVM, sabiex jissottometti rapport urġenti rigward il-każ fejn numru sostanzjali ta' għasafar mietu fil-kwarantina f' Ħal-Luqa, waqt li dawn kienu fir-responsabbilta' tad-Direttorat tiegħu.

Fil-15 ta' Novembru 2014 fil-5.00 ta' wara nofsinhar mort nagħmel spezzjoni jien fil-kwarantina msemmija, fil-preżenza tas-sur Andrew Howard li huwa Assistent Veterinarju anzjan u li jieħu ħsiebha. Preżenti ukoll miegħi kien hemm is-Sur Olaf Gauci fil-kariga tiegħu bħala uffiċjal għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, sabiex jieħu r-ritratti fuq il-post tal-imsemmi każ. Meta Andrew Howard ġie mistoqsi minni meta daħlu dawn l-għasafar fil-kwarantina huwa qalli li dawn daħlu fil-25 t'Ottubru 2014 filgħodu u ġabhom is-sur Stanley Gatt mill-uffiċċju tal-MEPA wara li dawn inqabdu mill-pulizija fl-24 t'Ottubru 2014 bil-lejl.

Dawn is- 645 għasfur ġew trasportati fil-25 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu, lejn il-kwarantina msemmija, bil-mod kif instabu ippakkjati fl-istess kontenituri li nqabdu fihom mill-Pulizija tal-ALE, u mogħtija bħala esebiti tal-Qorti, lis-sur Jesmond Grixti Assistent Veterinarju. Is-sur Andrew Howard urieni fijl li jżommu n-noti fuqu dwar dan kollu u kien jidher li qed naqblu. Wara morna biex naraw il-guvi u l-gaġeġ fejn kienu qed jinżammu dawn l-għasafar. Ittieħdu diversi ritratti tagħhom u bdejna biex naraw post żgħir bin-numru 21 li fih kienu qed jinżammu numru ta' kontenituri li ġew fihom ippakkjati l-għasafar.

Fl-ispeċi ta' guva f' numru 22 is-sur Andrew Howard qal li hemm kienu qed jinżammu l-għasafar iż-żgħar, fil-waqt li fil- post numru 23 kienu qed jinżammu l-oħrajn ikbar . Iż-żewġ postijiet imsemmija huma ta' qies żgħir u ma kinux jidhru li huma adekwati biex jesgħu numru kbir ta' għasafar fihom. Kien innotat ukoll li l-kenn mill-elementi seta' sar aħjar. Meta lil Andrew staqsejtu dwar l-ikel li kien qed jintagħlef lilhom huwa kien pront qalli li jintagħlfu skalora u *mixed feeds*. Għaddejna għall-post ieħor bla numru, fejn kien hemm ftit għasafar fil-ġaġeġ u kontenituri tal-kartun, tal-plastik u tal-injam; liema kontenituri u kaxxi m' humiex konformi ma' *standards* għall-ġarr ta' tali għasafar. Gie innotat li kien hemm xi fdalijiet tal-ikel f'xi kontenituri .



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

Fl-aħħar għaddejna għall-post ieħor fejn dħalna f' kamra fejn kien hemm *chest freezer* magħluqa bil-katnazz u minnha, Andrew Howard ħareġ borża kbira bl-għasafar mejtin. Wara li ttieħdu ftit ritratti kemm jien u kemm Olaf Gauci tlaqna mill-kwarantina.

Fis-16 ta'Novembru 2014 irċivejt email mingħand l-iSpettur tal-Pulizija tal-A.L.E, is-Sur Jurgen Vella, fejn bagħatli r-risposti għall-mistoqsijiet li għamiltlu ġurnata qabel jiġifieri fil-15 ta' Novembru. Huwa qalli li l-għasafar inqabdu billejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2014, fejn tali għasafar baqgħu jinżammu fil-Kwartieri tal-Pulizija sal-għada filgħodu sabiex jiġu eżaminati mis-Sur Stanley Gatt. Mill-investigazzjoni li saret mill-iSpettur tal-Pulizija rriżulta li l-għasafar inxtraw minn Sqallija. L-għasafar kellhom l-ikel magħhom, jiġifieri skalora, *sunflower* u biċċa tuffieħa. Fil-25 t' Ottubru 2014 għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu l-għasafar ittieħdu mill-Pulizija flimkien mas-Sur Stanley Gatt fil-preżenza tas-sid, sabiex mill-kontenituri kif ġew impurtati tpoġġew fil-guvi fil-kwarantina Ħal-Luqa.

Ir-rapport mitlub minni fl-14 ta' Novembru lid-Direttur tal-Veterinarji Dr.A.R.Balbo wasal fid-19 ta' Novembru 2014, fejn gie mibgħut lili rapport li għamel is-sur Andrew Howard. Huwa kiteb li fil-25 t'Ottubru 2014 daħlet kunsenja ta' għasafar tal-għana fil-kwarantina li nġiebet hemm mis-Sur Stanley Gatt tal-*Wild Birds Regulation Department* u l-Pulizija. Huwa kiteb ukoll li dawn l-għasafar tpoġġew f'gaġeġ u f'guvi. Fl-imsemmi rapport Andrew Howard kiteb li t-total tal-għasafar kien ta' 645 fejn f'kull ġurnata kien hemm xi mwiet, li ta' dan bagħat nota flimkien mar-rapport li għamel. It-total ta' għasafar mejta mill-ġurnata li daħlu fil-kwarantina, jiġiefieri fil-25 t'Ottubru 2014, sas-17 ta' Novembru 2014 kienu 490 għasfur. Huwa kompla kiteb li fis-27 t'Ottubru 2014 kien inxtara l-ikel speċifiku għall-għasafar. Fl-aħħar għamel ukoll nota fejn kiteb li għall-dawn l-aħħar 10 snin il-kwarantina ta' Ħal-Luqa qatt ma ġiet irranġata imma xi xogħlijiet ta' manutenzjoni fiha kien isir biss min-nies li jaħdmu fiha. Huwa bagħtt ukoll *Diagram* tal-guvi, li jġibu qies ta' 16- il pied u nofs tul b'4 piedi u 5 pulzieri wisa b'7 piedi għoli.

Fil-21 ta' Novembru 2014 f'12.05 ta' wara nofsinhar, is-Sur Jesmond Grixti Assistent Veterinarju, ġie mistoqsi minni x'jaf dwar dan il-każ tal-għasafar. Hu qal li fil-25 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tad- 9.00 ta' filgħodu huwa kien xogħol fil-kwarantina, u li min-naħa tiegħu assista biex l-għasafar jiddaħħlu fil-guvi. Huwa kompla jgħid li l-pulizija, flimkien mas-Sur Stanley Gatt u sid l-għasafar ġew il-kwarantina dak il-ħin fejn hu kien preżenti mas -sur Stanley Gatt li ħa ħsieb sabiex l-għasafar jitpoġġew fl-imsemmija guvi u huwa nnota kull għasfur. Huwa qal li kien innota li kien hemm xi għasafar li kienu mietu, iżda ma jiftakarx kemm u qalli li dawn ittieħdet nota tagħhom u tpoġġew fil-friża b' nota mwaħħla fuqhom.

Skont il-Liġi Kapitlu 439 Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, b'referenza għal Taqsima XIII Artiklu numru 44A, il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, għandu l-poteri fost l-oħrajn li jinvestiga lid-Direttorat tal-Veterinarji u Servizzi għal xi ksur ta' din il-Liġi, filwaqt li jagħmel ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u jippubblika tali sejbiet u rapporti kif meħtieġ.

## Rapport tal-Investigazzjoni

Wara li fil-15 ta' Novembru fil-5.00 ta' wara nofsinhar, jien aċċedejt fil-Kwarantina ta' Ħal-Luqa, liema post huwa responsabbli għalih id-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi u wara li investigajt il-każ minn jeddi u mill-aħjar li stajt, wasalt għal diversi konklużjonijiet.

1 Mill-provi miġjuba u korroborati minn diversi persuni, sibt diversi nuqqasijiet li uħud minnhom setgħu jiġu evitati filwaqt li xi oħrajn ħadd ma kellu kontroll fuqhom, u għalhekk komplew għarrqu s-sitwazzjoni u tali għasafar setgħu mietu ukoll minħabba f'hekk.

2 L-għasafar ġew impurtati minn Sqallija f'kontenituri diversi u mhux f' dawk approvati u kif titlob il-liġi sabiex tiġi mħarsa l-ħajja tal-għasafar. Waqt it-traġitt minn Sqallija għal Malta u sakemm il-Pulizija Maltija għamlet l-investigazzjonijiet tagħha dwar dan ir-reat kriminali, dawn l-għasafar kienu qed jinżammu ħażin. Wieħed irid iqis li wara dawk is-sigħat kollha fil-kontenituri, sakemm ġew rilokati għall-guvi, kien hemm minnhom li nstabu mejtin u oħrajn kienu jidhru ukoll debboli.

3 Il-guvi temporanji li hemm fil-kwarantina ma kinux kbar biżżejjed biex jilqgħu fihom dik il-kwantita' ta' għasafar, filwaqt li dawn setgħu jingħataw kenn aħjar. L-elementi tat-temp u ċ-ċiklun li għamel waqt iż-żamma ta' tali għasafar kompla għarraq is-sitwazzjoni, fejn kawża ta' hekk mietu ħafna għasafar ukoll. Rigward ilma u ikel kellhom biżżejjed fil-guvi.

4 Ġie innotat ukoll li hemm il-prassi li għasafar jew annimali oħra ħajjin li jiddaħħlu Malta illegalment u li jinqabdu mill-Pulizija, kienu qed jiġu miżmuma f'tali Kwarantina bħala **Esebiti tal-Qorti.** Dan l-għaġir u li mhux regolat taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.07, Avviż dwar Propjeta' Miżmuma Taħt il-Kodiċi Kriminali Kap 9, A.V.Legali 121/2002 għandu jiġi indirizzat.



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

F'din il-L.S.9.07 id-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi mhuwiex imsemmi mir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex iżomm għandu u jieħu ħsieb annimali bħala **Esebiti tal-Qorti**. Għalkemm l-intenzjoni u l-urġenza biex tinstab soluzzjoni ta' dak il-ħin tista' tkun tajba, id-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi għandu jara l-obbligi ewlenin tiegħu favur l-annimali li suppost jinżammu fil-kwarantina u tali għasafar qatt ma kien posthom hemm.

5 Nuqqas ieħor huwa, li l-għan tal-kwarantina huwa li jinżammu annimali suspettati b'mard jew ma jkunux ingħataw xi tilqim kontra xi mard skont il-liġijiet jew regolamenti veterinarji u kien ħażin li bdiet tidħol il-prassi li jinżammu tali għasafar meta dawn mhux posthom hemm u jista' jkun li annimali morda jitħalltu ma' dawk b'saħħithom.

6 Il-kwarantina mhijiex attrezzata għal dan il-għan li jinżammu kwantitajiet ta' għasafar u għalhekk mhux mixtieq li jinżammu annimali mhux skont ir-regolamenti.

## Konklużjoni

**Osservazzjonijiet, Suġġerimenti u Rakkomandazzjonijiet sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni biex l-annimali jiġu trattati kif jixraq u skont il-liġijiet.**

**F'Kapitlu 439 Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, hemm dikjarazzjoni ta' prinċipji li huma dawn:**

f'Taqsima 1 Artiklu 3 (1)

L-istat jagħmel ħiltu, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, biex jipproteġi l-ħajja tal-annimali u biex ma jħallix li jsiru, u jwaħħal pieni għal atti ta' moħqrija lejhom.

F' Artiklu 3 (2) L-Istat jirrikonoxxi li l-annimali huma ħlejjaq senjenti u li għandu d-dmir li jippromwovi l-ħarsien tal-annimali, u li l-ħarsien tal-annimali għandu jiġi protett bl-intervent tal-istat, bl-organi leġislattivi ġudizzjarji u amministrattivi tiegħu.

1 Wasal iż-żmien sabiex tiġi emendata Taqsima 3 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9, li tgħid fuq **Ħwejjeġ li jgħoddu għall-Kawżi Kriminali Kollha**, fejn f'Titolu 4 jgħid Fuq Oġġetti ta' Propjeta' tal-imputat jew akkuzat jew ta' nies oħra u li għandhom x'jaqsmu ma' Proċeduri Kriminali. F'din it-taqsima huwa mixtieq li jidħol artiklu ieħor fejn jissemmew l-annimali, bħala ħlejjaq senjenti kif jiġi riferut għalihom fil-liġi, fejn tingħata l-importanza għaż-żamma u s-saħħa tagħhom skont il-liġijiet eżistenti.

2 Huwa irrakkomandat li għasafar li jkunu nqabdu mis-selvaġġ u daħlu fil-pajjiż b'mod illegali, wara li f'qasir żmien isiru l-nvestigazzjonijiet m'għandhomx jinżammu fil-guvi jew fil-magħluq. Huma għandhom jerġgħu jinħelsu liberi f'postijiet addattati, wara li jiġu eżaminati minn veterinarju li huma fi stat ta' saħħa tajba.Oħrajn li jkunu debboli jinżammu f'post addattat għal aktar kura u meta ikunu ħadu saħħithom jinħelsu. Il-kura u ż-żamma tagħhom għandu jagħmel tajjeb għaliha l-akkużat.

3 F'tali każijiet il-qorti tista' tikkonsidra li dawn jinżammu ukoll f'postijiet għand il-privat hekk liċenżjati u approvati mid-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi sabiex ikunu fil-kustodja tagħhom, għas-spejjeż tal-akkużat sakemm tiġi deċiża l-kawża.

4 Il-Qorti tista' ukoll tikkonsidra li tali għasafar jinżammu mill-akkużat sakemm tiġi deċiża l-kawża fuq depożitu li tordna l-Qorti.

**Id-Direttur tal-Veterinarji u Servizzi għandu jagħmel ir-rapport tiegħu fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija u jekk ikun il-każ, rakkomandazzjonijiet oħrajn, ta' nies jew entitajiet oħra ukoll, li jistgħu jkunu utli għal tali sitwazzjoni, filwaqt li għandu jiġi mgħarraf b'*Nota* r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali dwar dan, sabiex tiġi indirizzata tali sitwazzjoni skont il-liġijiet tal-pajjiż.**

**Tmiem**

Emanuel Buhagiar

**Emanuel Buhagiar**

**Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.**

COMMISSIONER FOR ANIMAL WELFARE MALTA



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA SVR 1012.
Tel.23886320